## It-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020

Ġesù qal
lill-qassisin il-kbar
u lix-xjuħ tal-poplu:
"Tassew, ngħidilkom,
li l-pubblikani u n-nisa tat-triq
deħlin qabilkom
fis-Saltna ta' Alla.
Għax Ġwanni
ġie għandkom
miexi fit-triq tal-ġustizzja,
u intom ma emmintuhx
iżda l-pubblikani u n-nisa tat-triq
emmnuh;
u għalkemm intom rajtu dan kollu,
bqajtu sal-aħħar
ma biddiltux il-fehma tagħkom,
u ma emmintuhx."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 21, versi 31b-32***



"Il-foqra u n-nies sempliċi
fil-presepju
jfakkruna li Alla jsir bniedem
għal dawk li l-iżjed iħossu l-ħtieġa
ta' mħabbtu
u jitolbuh ikun qribhom ...
Imwieled f'maxtura,
Alla nnifsu jagħti bidu
għall-unika vera rivoluzzjoni
li trodd tama u dinjità
lil dawk
li m'għandhom xejn tagħhom,
lill-imwarrbin:
ir-rivoluzzjoni tal-imħabba,
ir-rivoluzzjoni tal-ħlewwa."

PAPA FRANĠISKU, Ittra Appostolika,
*Admirabile Signum,* **nru 6,** 1 Diċembru 2019

*Inħoss il-bżonn ta' Alla f'ħajti?*

*X'nixtiequ jkun għalija?*

# Li tħossok fil-bżonn

Jekk hemm xi ħaġa, Mulej,
li nixtieq inkun minn ta' quddiem fiha,
din hija l-bżonn tiegħek,
ta' mħabbtek,
tad-dawl tiegħek.
Għalhekk nitolbok:
tħalli ebda bżonn ieħor jitfili x-xenqa għalik,
għalik li għandek tabilħaqq minn fejn
biex tnissel fija tama vera;
għalik li tista' tlibbisni
b'dik id-dinjità li toqgħodli tassew.
Agħmel li ma jiġi ebda waqt fuqi
li fih ma nħossx il-bżonn tiegħek;
ħa tikber dejjem iżjed fija dik il-ħeġġa
li nkun parti mir-rivoluzzjoni tiegħek
ta' mħabba u ta' ħlewwa.